MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1143/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**
**vs**
**Joseph Gauci – ID-2109663**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet lit-Tribunal jikkundana lill-konvenut ihallas l-ammont ta' disa' mija sitta u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€936.83c) rapprezentanti l-ammont dovut lis-Socjeta` attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont anness u mmarkat bhala Dok "A" u Dok "B".

Il-konvenut gie nterpellat diversi drabi b' talba ghal pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat ma pprezentax risposta; sema' ix-xhieda ta' l-istess konvenut li permezz taghha ddikjara illi l-ammont mitlub mis-Socjeta` attrici huwa effettivament dovut.

Illi fid-dawl ta' tali ammissjoni, it-Tribunal jilqa' it-talba tas-Socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess Socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija sitta u tletin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€936.83c) bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------